# Min hi Marija li lilha huwa ddedikat il-Karmelu?

F'għajnejn Alla l-Imbierek, Marija **hija l-persuna prediletta**, il-persuna magħżula biex taqdi missjoni flimkien ma' l-iben ta' Alla. Hija dik il-persuna li Alla l-Missier ħalaqha biex tkun Omm l-Iben, it-tieni persuna tat-Trinità; Alla l-Iben għażilha minn fost il-bnedmin biex tkun Ommu; Alla l-Ispirtu s-Santu saħħaħha u żejjinha b'kull grazzja biex taqdi din il-missjoni diffiċli bħala Omm il-Feddej.

Lilha Alla għażel u poġġieha l-akbar fl-ordni tan-natura għaliex hija l-isbaħ kreatura; hija l-aqwa fl-ordni tal-grazzja... għalhekk l-Anġlu Gabriel sejħilha "Ave Gratia Plena"; hija l-aqwa fl-ordni tal-glorja, għaliex igawdi l-akbar glorja min igawdi l-ogħla grad ta' grazzja – Marija hija mimlija bil-grazzja, allura bir-raġun tgawdi l-ogħla grad ta' glorja fis-sema.

Megħjuna mill-grazzja ta' Alla **hija aċċettat is-sejħa li tkun Omm** il-Feddej. Din il-missjoni rnexxielha twettaq b'fidi, b'umiltà, b'ubbidjenza lejn Alla.

- **B'fidi** għaliex hija **emmnet** u aċċettat is-sejħa ta' Alla u wieġbet "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jkun minni skond kelmtek."
- **B'ubbidjenza** lejn ir-rieda ta' Alla u allura ma' l-appostlu San Pawl setgħet tgħid "Ngħix, imma mhux jien iżda huwa Kristu li jgħix fija."
- **B'umiltà** tat ħajjitha għall-glorja ta' Alla biex ikun jista' jitwettaq il-pjan tas-salvazzjoni. Ma' San Pawl setgħet allura tfisser: "Absit mihi gloriari, nisi in Crucem Domini nostri Jesu Christi" – "Jekk għandi biex niftaħar, bis-salib ta' Kristu nista' niftaħar."

Iżdą **l-missjoni** ta' din **il-mara** mwiegħda lill-umanità sa mill-waqgħa ta' Adam u Eva, **laħqet il-quċċata tagħha fuq il-Golgota**. Taħt is-salib, hija ngħaqdet b'qalb ta' Omm mas-sagrifiċċju li binha Ġesù offra lil Missier Etern bi tpattija għal dnubietna. ...U sewwa sew f'dan il-mument, minn fuq is-salib Ġesù (wara li wettqet il-missjoni bħala Omm tiegħu) għaddieha lilna bħala Omm tagħna lkoll.

## Oriġini ta' l-Ordni Karmelitan

Dak kollu li seħħ f'Marija kien ġie rivelat mijiet ta' snin qabel lill-profeta Elija kif naqraw fil-Ktieb tas-Slaten. Elija l-profeta ġie msejjaħ minn Alla fuq il-muntanja tal-Karmel biex ireġġa' lura l-poplu ta' Iżrael lejn il-qima ta' Alla wieħed u veru. Hija tradizzjoni qaddisa fl-Ordni Karmelitan li l-profeta Elija lemaħ il-figura tal-Madonna, Omm il-Feddej fi sħaba ċkejkna li minnha niżlet xita fejjieda fuq l-art niexfa qoxqox fuq din l-għolja tal-Karmel. F'dik is-sħaba ġie rrivelat lilu l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb mwiegħed minn Alla wara l-waqgħa ta' Adam u Eva, meta Alla qal lix-xitan: "Inqajjem ġlieda bejnek u bejn **il-mara**, bejn nislek u nisilha u b'għarqubha tgħattanlek rasek."

Huwa sewwa sew għalhekk li fl-Ordni Karmelitan tispikka din il-karatteristika ta' devozzjoni, ta' qima lejn Marija bħala **Omm Alla**. Fil-pjan ta' Alla għall-fidwa tal-bnedmin, Ġesù u Marija ma jinfirdux.

## Bidu ta' l-Ordni Karmelitan

L-Ordni Karmelitan twaqqaf formalment fis-sena 1207 wara Kristu. Madankollu minn mijiet ta' snin qabel, fuq il-muntanja tal-Karmel kienet tezisti kappella ddedikata lill-Madonna. F'dan il-post għexu u talbu l-ewwel Karmelitani li bħala ispirazzjoni u mudell tagħhom kienu jħarsu lejn il-profeta Elija, u fil-bżonnijiet tagħhom kienu jindirizzaw it-talb lejn Alla u lejn il-Verġni Marija Ommu. F'din il-kappella għexu l-ewwel *aħwa* tal-Madonna tal-Karmel (kif kienu jissejħu) u kienu jgħixu ħajja rtirata ta' talb kontinwu bħala eremiti.

Sa nofs is-seklu tnax dawn l-aħwa Karmelitani kienu jgħixu fil-paċi, fis-skiet u fis-satra. Kienu jgħaddu ħajja ta' talb lil Alla u lill-Verġni Marija. Madankollu fis-sena 1187, l-imperu Mislem, ftit wara l-ewwel kruċjata, immexxija mid-djaboliku Saladin, stabbilew ruħhom f'Ġerusalemm. Huma keċċew lill-insara li kellhom isibu r-refuġju 'l bogħod minn dawn it-tiranni, mill-għatx li kellhom għad-demm ta' l-insara.

Fis-sena 1244, l-istess armati tas-Saraċeni attakkaw u ħarbtu l-armata tal-kruċjati nsara f'Gaza, daħlu Ġerusalemm, avvanzaw tul il-Galilija u s-Samarija jkissru u jfarrku l-villaġġi li għaddew minnkom filwaqt li tterrorizzaw lil kulħadd. L-aħwa Karmelitani nħbew fl-għerien tal-muntanja tal-Karmel, filwaqt li oħrajn ħarbu biex setgħu jsibu rifuġju fl-aħħar fortizza li l-insara kien baqgħalhom fil-Palestina (f'Acre).

## Dħul fl-Ewropa

Il-Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan, il-Beatu Alan, irraġuna li kien impossibbli li l-*aħwa* jkomplu jgħixu fuq il-muntanja tal-Karmel. Għalhekk flimkien mal-maġġoranza ta' l-aħwa salpa lejn l-Ewropa. Uħud mill-*aħwa*, madanakollu, għażlu li jibqgħu fuq il-muntanja.

Il-ħajja tagħhom fl-Ewropa ġabet tibdil fil-ħajja eremitika tagħhom. Bil-mod il-mod stabbilew ruħhom. Filwaqt li baqgħu sħaħ fil-vokazzjoni tagħhom ta' talb, issa bdew iressqu l-bnedmin lejn Alla permezz tal-predikazzjoni u bix-xhieda ta' ħajjithom.

Kif waslu l-Ingilterra, il-Beatu Alan sejjaħ Kapitlu li nżamm ġewwa Aylesford u talab li jirriżenja mill-kariga ta' ġeneral. San Xmun Stock, b'vot unanimu ġie elett ġeneral. Xmun idderieġa lill-Ordni biex jadatta ruħu għall-ħajja ġdida li issa sab ruħu fiha fl-Ewropa. Kiteb lill-Q.T. Innoċenzju IV u talbu sabiex ibiddel xi punti mir-regola Karmelitana kif kienet mogħtija lill-Ordni mill-Patrijarka ta' Ġerusalemm Albert, fis-sena 1207. Il-Papa approva dan it-tibdil... madankollu ta' min jenfasizza li t-**talb** baqa' fil-qalb ta' din ir-regola Karmelitana.

"Ħadd ma jista' jagħti jekk m'għandux" – San Xmun għaraf l-importanza tat-tagħlim fil-ħajja ta' dawk li dmirhom kien li jwasslu t-tagħlim tal-Knisja u l-għarfien tal-kobor u l-qawwa ta' Alla. Huwa fetaħ kunventi qrib l-aqwa Universitajiet fl-Ingilterra, l-Italja, Franza u l-Ġermanja... prova ċara ta' l-abbiltà u l-bżulija ta' San Xmun l-organizzatur ġenju u qaddis.

San Xmun, mgħakkes bix-xjuħija, indebolit fiżikament bil-penitenzi ħorox li kien jagħmel u mġarraf bl-inkwiet li kien isofri kiteb lill-*aħwa* u qalilhom: "Waqt li kont nitlob lill-Mulej, waqt li tlabt lill-Verġni Marija sabiex tilqagħna bħala Ommna, u b'xi sinjal ta' grazzja tirrakkomandalna lil dawk li qed jippersegwitawna, waqt li bil-ħerqa kont qed ngħidilha:

'Fjur tal-Karmelu,
Omm l-iżjed ħelwa,
Verġni bla tebgħa
Agħti lill-Karmelitani,
Wirja ta' mħabba,
O kewkba tal-baħar.'"

Imdawra bi qtajja' ta' anġli u bil-labtu ta' l-ordni f'idha qaltli "Dan il-labtu jkun għalik u għall-Karmelitani kollha, privileġġ li bil-qawwa tiegħu, kull min ikun imlibbes bih, ikun meħlus min-nar ta' l-infern."

San Xmun kompla jirrakkonta: "Il-Madonna ħajritni biex nersaq lejn il-Papa Innoċenzu, vigarju ta' Binha, li kellu jsibilna rimedju għall-inkwiet kollu li kellna. Ħuti għożżu dan il-messaġġ u itolbu li jinfirex ma' kullimkien għall-ġieħ u qima tas-Ssma. Trinità, kif ukoll għall-ġieħ ta' Ommna l-Verġni Marija."

## Il-Valur tal-Labtu

Il-labtu huwa l-ilbies ta' Ordni reliġjuż li l-ispirtu tiegħu jsejjaħ għat-talb, għall-mortifikazzjoni u għall-kontemplazzjoni. Mela l-valur tal-labtu mhux sewwa li nqisuh bħala oġġett li jsalvana, għaliex il-labtu għandu l-valur tiegħu pjuttost li jeduka u jifforma lill-Karmelitan fl-ispirtu li semmejna.

Il-Q.T. il-Papa Piju XII fl-1950 qal: "...skond il-wegħda tradizzjonali tal-Verġni Marija, permezz tal-labtu Karmelitan, wieħed jakkwista l-ħajja eterna. Iżda biex dan iseħħ, kull min jilbes il-labtu jrid kontinwament ikun marbut ma' Marija, fl-umiltà u l-kastità, fil-modestja u s-sempliċità, fit-talb lil Alla l-Imbierek fil-Konsagrazzjoni lill-Qalb tal-Verġni Marija." Il-Q.T. il-Papa jkompli jheġġiġna b'dan il-kliem: "Dawk li jilbsu l-labtu tal-Madonna tal-Karmnu xejn m'għandhom jaħsbu li b'daqshekk biss se jiksbu l-ħajja ta' dejjem. Jeħtieġ ukoll, kif jgħid San Pawl: "Ħabirku għas-salvazzjoni tagħkom." (Fil 2:12) Il-Papa jispiċċa bl-eżortazzjoni "Il-Karmelitani kollha, fil-labtu li jġibu fuqhom għandhom xhieda ta' dik il-konsagrazzjoni lill-Qalb Imqaddsa tal-Verġni Immakulata, li aħna nirrakkomandaw bl-akbar ħeġġa."

## Privileġġ Sabbatin

Il-labtu tal-Karmnu huwa mezz effikaċi biex mhux biss insalvaw iżda li mmorru ngawdu lil Alla mill-aktar fis wara mewtna. Il-Madonna dehret lill-Q.T. il-Papa Ġwanni XXII u għarrfitu li jekk imutu fil-grazzja ta' Alla u matul ħajjithom iġibu l-labtu fuq sidirhom, lil dawk il-Karmelitani li jkunu għexu s-safa u li jkunu jgħidu ċertu talb jew josservaw ċertu sawm, hi mill-aktar fis u speċjalment fl-ewwel Sibt fuq mewthom teħlishom mill-purgatorju.

Il-Madonna, bħal Kristu qabżet għalina fuq din l-art. Fis-sema wkoll bħal Kristu ma tonqosx li tissokta din il-funzjoni ta' "**Medjatriċi** u **Avukata**" tagħna.

## L-Esperjenza tal-Qaddisin.

L-esperjenza tal-qaddisin turina l-importanza tal-labtu. Minbarra bosta qaddisin Karmelitani, hemm ħafna oħrajn bħal San Ġwann Bosco, il-Beatu Nazju Falzon, il-Beatu Dun Ġorġ Preca, Fra Diegu u oħrajn li kienu kburin għax jilbsu l-labtu. Anke l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1985 stqarr li jżomm fuqu l-labtu lejl u nhar.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu xxetlet u kibret f'Malta mal-miġja tal-patrijiet Karmelitani fl-1418 u tal-Karmelitani Skalzi (Tereżjani) fl-1625. L-ewwel Knisja fid-djoċesi ta' Malta b'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu kienet il-kappella tal-Fawwara fl-1616. Fl-istess żmien nibtu wkoll numru ta' artali ddedikati lilha f'diversi parroċċi.

## Konklużjoni

Fl-aħħarnett ejjew nisiltu t-tagħlim li għandu jservina tul ħajjitna. Ejjew insibu lil Marija biex hi twassalna għand binha Ġesù. Ejjew nimitawha fil-virtujiet tagħha li permezz tagħhom ħabbet lil binha Ġesù.

1) **Ħajja ta' Talb.** Ġesù stess iħeġġiġna "itolbu bla waqfien" (Lq. 18:1). Li titlob ifisser li terfa' ħsiebek lejn Alla biex bħall-Madonna:
a) Infaħħruh – "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej"
b) Nadurawh u ngħidulu – "Jitqaddes ismek..."
c) Nitolbuh maħfra u dak li neħtieġu "Ikun minni skond kelmtek."

Li titlob ifisser li tkun magħqud ma' Alla. U min kien magħqud ma' Alla aktar minn Marija ..."Hija kienet iżżomm f'qalbha kull kelma li kienet toħroġ minn fomm il-Mulej." (Lq. 2:52)

Ta' min iġib quddiem għajnejh:

- Lill-Madonna tadura lil Bin Alla fil-ġuf bla tebgħa tagħha, miġbura għal disa' xhur sħaħ, ħsiebha biss fil-Verb ta' Alla li jgħix fiha.
- Lill-Madonna f'intimita shiħa mat-tfajjel Ġesù sa żogħżitu.
- Lill-Madonna ma' Ġesù matul il-hajja moħbija tiegħu u fuq il-Kalvarju.
- U fl-aħħarnett il-Madonna miġbura ma' l-appostli fiċ-Ċenaklu wara l-mewt u l-qawmien ta' Binha, sal-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-ewwel Knisja ndukrata minnha.

Jalla kull devot tal-Madonna jżomm f'qalbu u f'moħħu dan l-eżempju sabiħ tal-Madonna.

2a) Servizz lill-oħrajn fi spirtu ta' umiltà u sagrifiċċju.

Nimitawha lill-Madonna fil-virtù ta' l-umiltà. L-umiltà tikkonsisti filli nagħrfu x-xejn tagħna quddiem Alla u għalhekk inkunu disposti li nobduh billi "nħobbu lil Alla qabel kollox u lill-proxxmu tagħna bħalna nfusna."

L-umiltà tikkonsisti filli nagħrfu li kull m'għandna tajjeb silifulna Alla biex naqdu lilu u lill-proxxmu tagħna. U min hawn jiġi li bħall-Madonna:

- nużaw it-talenti tagħna, il-ġid, kull ma tana Alla għall-akbar glorja Tiegħu u għas-salvazzjoni ta' l-oħrajn.
- ma niftaħrux iżda bħall-Madonna nistqarru "Is-Setgħan għamel miegħi ħwejjeġ kbar."

2b) U fl-aħħarnett is-Salib. Il-Madonna aċċettat dak kollu li aċċetta binha Ġesù. Ħajjitha kienet offerta lil Alla l-Imbierek. Hija tmexxina fit-triq tas-sagrifiċċju, fit-triq tas-salib li twassalna għall-glorja tas-sema fejn tinsab Ommna Marija Ssma. flimkien ma' binha Ġesù.

Nifirħu l-lejla u mal-ġenerazzjonijiet Karmelitani kollha u ma' Santa Elizabetta, il-qariba tagħha nsellmuha u ngħidulha **"Imbierka int li emmint dak li ntqal min-naħa tal-Mulej."**


ETM Auto Traders
Traders & Importers
of Japanese Cars
We Buy, Sell & Part
Exchange
Second Hand Cars
*Etienne Cassar*
Villabate Str. (M'Scala Bypass) Żabbar
Tel/Fax: 21 667464, Mob: 9985 4803, 99452899
E-mail: etmautotrader@yahoo.com